# Filigrana

INTERVISTA MINN DANICA ABELA

INTERVISTA MA' MR KENNETH CAUCHI

TUL TAL-INTERVISTA: ĦAMSA U ĦAMSIN MINUTA U ĦDAX-IL SEKONDA

DATA TAL-INTERVISTA: 28 TA' JANNAR, 2025

POST: IL-KAMRA TAL-QANPIENA, MUŻEW TAL-KATIDRAL, MDINA

Illum, it-tmienja u għoxrin ta' Jannar, jiena Danica Abela qiegħda hawnhekk ma' Kenneth Cauchi fil-Mużew tal-Katidral għall-Proġett Filigrana.

Danica Abela: L-ewwelnett bonġu u grazzi talli aċċettajt din l-intervista.

Kenneth Cauchi: Bonġu u nsellimlek.

DA: X'inhu kampanologu u x'irwol li għandu?

KC: Kamponologu huwa individwu li jkun studja dwar il-qniepen ġeneralment jkun kampanar jiġifieri jkun beda il-karriera minn, idoqq il-qniepen. Naturalment, inti li iddoqq fi knisja waħda huwa tajjeb pero', ma tistax tifhem dak li jagħmel qanpiena u dak li jagħmel il-kamponoloġija, li huwa l-istudju tal-qanpiena mingħajr ma' żżur kampnari diversi, tara l-forom ta' qniepen differenti, bronżara differenti, kif jfondu l-forma tal-qniepen, l-għażla biex ngħidu hekk differenti tal-qniepen, il-karatteristiċi kollha li jagħtu tiżwir ħa ngħidu hekk, jew tħawwir ta' platt sabiħ u tajjeb. Naturalment jekk inti ma tarax dak li ġara barra minn Malta ukoll ma tkunx tista tifhem il-kuntest kamponoloġiku jiġifieri għall-inqas wieħed jistenna li jkun jaf dwar il-qniepen ta' pajjiżu tajjeb. Allura aħna Malta peress li aħna gżira hemm porzjon qawwi ta' qniepen li mportajna minn pajjiżi barranin u allura l-kampanoloġija tagħna għandha influwenzi barranin speċjalment Sqallija u l-Italja li huma l-eqreb artijiet li għandna aħna allura *in a nutshell*, il-kampanologu huwa persuna li tinteressa ruħu fis-suġġett pero' jmur oltre billi jistudja l-akkademja tajjeb, li tiggverna t-tiswir tal-qniepen, ir-riċerka tal-qniepen, l-intonazzjoni, il-metalluġija involuta biex jsiru l-qniepen, dawn kollha flimkien huma dawk kollha li jagħmlu kamponologu.

DA: Kif kienet tfulitek u min fejn giet in-namra ta' daqq u l-arti tal-manifattura tal-qniepen? Għandek xi memorja jew esperjenza partikulari?

KC: Iwa mela, kif għidt qabel, tibda billi tifel iddoqq il-qniepen jiġifieri għandi memorji sbieħ ħafna fil-parroċċa tiegħi ta' San Ġużepp l-Imsida fejn hemmhekk litteralment trawwimt ta' tmien snin ma' Fredu Falzon min hawn insellimlu mimli bl-għomor, li għallimni ndoqq qed tifhem? Konna *looking forward* biex kull festa li jkun hemm bżonn li jindaqqu l-qniepen minn fuq imorru, ma nimmisjawx appuntament, kienet tfulija sabħiħa, kienet tfulija li llum ma ngħidx it-tfal neqsin minnha, illi ngħid li t-tfal għandhom tfulija differenti ħafna milli kellna aħna, tfulija marbuta litteralment marbuta mat-teknoloġija, *tablets*, *playstations* li aħna kienu għadhom fl-infanzija tagħhom biex ngħid hekk. Jien għandi ħamsin sena jiġifieri – *jidħak* – qed insir anzjan ukoll bil-mod, pero' imma t-tfulija tagħna kienet ħelwa, tfulija marbuta mal-knisja, dak kollu li jappartjeni l-knisja, inkluż naturalment id-daqq tal-qniepen.

DA: Il-qniepen ma jindikawx biss sejħa lill-kongregazzjoni għall-quddies jew funzjonijiet liturġiċi, iżda kellhom u għad għandhom irwoli oħra marbuta mal-ħajja reliġjuża bħad-daqq tal-Pater, jew l' Ave. Il-qniepen kienu jintużaw ukoll għal skopijiet purament ċivili u sekulari bħall-ħbit mill-għadu, u għal xi memorja ta' xi rebħa storika. Kif bdiet il-kultura

tal-qniepen f'Malta u kif żviluppat minn żmien il-Kavallieri, għal perjodu Ingliż, inkluż il-Gwerra u llum il-ġurnata?

KC: Id-daqq tal-qniepen u l-qanpiena biex ngħidu hekk , hija l-ekwivalenti tal-*Facebook* tal-lum, tal-mowbajl tal-lum. Nixtieq li min qed jismgħana nieħdu naqra f'memorja li forsi mhix daqshekk pjaċevoli għalih meta jaqalu l-mowbajl jew jinsih id-dar, jagħmel ġurnata mitluf tajjeb? Inti meta tinsa' l-mowbajl d-dar, ġieli ġrat lili, ġieli ġrat lil kollegi tiegħi jiġifieri din xi ħaġa li narawha u tiġri fi żmien għal ieħor, jew tagħmel xi żmien bil-mowbajl bil-ħsara, jdumu biex jtuk *replacement*, hekk kienet tkun il-ħajja tal-qanpiena li kont imdorri tisma' ta' kuljum kienet tinkiser. Kien jkun hemm fernezija. Tajjeb? Issa s-sitwazzjoni hija l-istess, għaliex fernezija? Minħabba l-komunikat, il-linja tal-komunikzzjoni, il-mod ta' kif tikkomunika jkun jinqata' u l-bniedem għandu bżonn kbir li jikkomunika. U mill-eqdem żminijiet kien jikkomunika bl-arloġġi tal-kampnari, bl-arloġġi tat-torrijiet ċivili u r-referenza kienet tkun litteralment, iżomm il-ħin u jirregolaw ħajjithom ta' kuljum mal-arloġġ tal-knisja, jew mal-arloġġ tat-torri ċivili. Aħna Malta ma tantx għadna ħafna torrijiet ċivili, l-eqdem wieħed li kellna kien it-torri tal-arloġġ tal-Birgu li kienet l-ewwel parti ta' Malta li ġiet stabbilita biex ngħidu hekk, komunita, anke hawnhekk fil-Belt Notabile tajjeb? U n-nies kienet tirregola ruħha ma' dan l-arloġġ ċivili li ma jappartjeni l-ebda knisja. Maż-żmien il-Knisja bdiet taddotta dan id-dmir, dan id-dover ċivili li tipprovdi arloġġ li n-nies kienet tirregola ruħha mal-arloġġ. Mhux kulħadd kellu l-fakultà bħala flus li jixtri arloġġ, tajjeb? Hawnhekk qiegħdin ngħidu li arloġġ ma' kontx tmur għand tal-ħanut u tixtri wieħed mill-armatura. Arloġġ tkun trid arloġġar li jaħdimlek ir-roti, is-snien eċċettera eċċettera. Biex inti jkollok *time-piece* li inti tista' personalment tirregola ruħek magħha. Għaldaqstant dan qed nitkellmu fuq daqq mekkanizzat jiġifieri li kull kwarta jdoqq l-arloġġ u inti tkun taf x'ħin hu pero', inti imbagħad hemm intervalli matul i-ġurnata fejn in-Nisrani, hekk kienet it-tradizzjoni u għadha sal-lum, imma dak iż-żmien aktar li f'ċertu mumenti li ssibha f'ċertu reliġjonijiet bħal Islam sewwa, wieħed jieqaf pawsa biex jgħid talba. U t-talba kienet tkun it-talba kien ta' sbieħ il-jum. Dak iż-żmien mhux bħal-lum jaħdem il-lejl kollu għax għandu l-elettriku, dak iż-żmien inti la m'għandekx elettriku trid tieħu l-aħjar mid-dawl tax-xemx jiġifieri jekk ix-xemx kienet mal-ħamsa u nofs ta' filgħodu tisbaħ mela allura inti tqum mal-erbgħa u nofs ta' filgħodu biex tmur il-quddies, għalhekk kien jkun hemm il-quddies tal-erbgħa, tal-erbgħa nofs mhux għax kienu jħobbu jqumu kmieni imma għax in-neċessità dak iż-żmien minħabba n-nuqqas tad-dawl artifiċjali wieħed kien jeħtieġlu jqum kmieni biex jorqod kmieni għax inti appena niżlet ix-xemx, m'hemm xejn x'tagħmel. Ma tistax tmur taħdem l-għalqa bil-musbieħ jew ix-xemgħa allura l-ħin spussja ruħhom. U qabel kien hemm il-bżonn tqum kmieni għal quddies, tqum kmieni għat-talb u t-talb ta' sbieħ il-jum kien propja l-Pater Noster, u meta jgħidu jindaqq il-Pater Noster, mhux id-daqq tal-Pater Noster u daqq ieħor tal-Angelus huwa kollu l-istess, il-Pater Noster huwa l-istess numru ta' tokki ġeneralment disa' tokki f'ħin partikolari tal-ġurnata. Meta jkun kmieni filgħodu huwa il-pater noster għaliex huwa t-talba li tingħad f'dak il-ħintal-ġurnata. Fit-tmienja per eżempju huwa l-ewwel brejk,

ħafna nies jidħlu għax-xogħol fit-tmienja, dak iż-żmien, it-tmienja hija l-ewwel brejk u fl-ewwel brejk tieqaf tieqaf biex tgħid it-talba tal-Angelus. Naturalment kienet tirripeti ruħha f'nofsinhar fejn wieħed jieqaf għal-ikla ta' nofsinhar u jgħid it-talba tal-Angelus imbagħad għandek it-talba ta' inżul ix-xemx tajjeb, jiġifieri siegħa, anzi eżatt f'inżul ix-xemx u kienet tvarja, kienet tindaqq l-Ave Marija, it-talba, it-talba tal-Ave Marija lil Madonna fejn kienet tingħad naturalment meta kienet tkun nieżla x-xemx. Naturalment dawn jvarjaw eh, dawn m'għandhomx ħin fiss ħlief fit-tmienja u nofs li huma fissi, l-oħrajn jvarjaw f'inżul ix-xemx. Siegħa wara l-inżul ix-xemx kien hemm dik li ngħidulha d-De Profundis. De Profundis għall-mejtin, it-talba tal-mejtin fejn wieħed jiftakar dawk li ħallewna tal-familja jiġifieri inti għandek minn inżul ix-xemx sa siegħa wara nżul ix-xemx, dak il-perjodu biex inti terfa' mix-xogħol u tiekol mal-familja tajjeb, u tibda traqqad it-tfal u torqod inti. Id-De Profundis kienet meta inti litteralment tfejt id-dawl, dħalt torqod, daħħalt il-familja torqod, għidtu t-talba ta' qabel torqdu u l-ġurnata spiċċat. Fl-Ewropa issibha ukoll, dan il-pattern issibu ukoll pero' issibu naqra differenti ma' jgħidulux De Profundis imma jgħidulu l-Curfew Bell. Il-Curfew Bell hija per eżempju, belt bħal ma hija l-Imdina, hekk kif tindaqq l-Curfew Bell jingħalqu l-bibien tal-iswar, jiġifieri in-nies inħġabret ġewwa, u jekk inti tinqabad barra l-bibien wara l-Curfew Bell tibqa' barra jiġifieri. Il-kelma *curfew* ġejja mill-kelma Franċiża *confrafeur* tagħti n-nar, titfi d-dawl dawk kienu kollha jappartjenu l-ħajja ta' kuljum mill-eqdem żmien sa' riċenti jiġifieri għax inti semmejtli żmien Medjevali, żmien l-Ordni, żmien l-Ingliżi u żmien tal-lum. Li nista ngħidlek, saż-żmien l-Inglizi l-ammont ta' daqq kien wieħed fenomenali. Filfatt l-Ingliżi kienu jsibuha l-Belt Valletta, għax hemm ħafna knejjes, '*The City of Yells, Bells and Smells'* għar-raġuni li kien hemm jsir ħafna ħafna daqq. Issa jiena semmejtlek il-*basic*, imma kien hemm id-daqq per eżempu ta' xi ħadd li miet l-isptar, id-daqq ta' xi ħadd li miet id-dar, id-daqq ta' mara li mietet id-dar, id-daqq ta' raġel li miet id-dar, id-daqq ta' meta jmutu t-tfal dawn kienu kollha ritwali differenti, li inti ma' kellekx Facebook dak iż-żmien, ma kellekx Internet, ma kellekx radju biex inti tkun taf min miet kif u għaliex, imma mill-qanpiena inti ma kontx tkun taf min miet imma kont tkun taf jekk hux raġel jew mara, jekk ma mitix id-dar jekk mitix l-isptar, hekk humiex tfal, jekk humiex tfal mgħammdin, jekk humiex tfal li twieldu mejtin, dak kien jkun differenti għal kull każ. Filfatt dan id-daqq kien jsir bl-izgħar qniepen tal-kampnar, filfatt il-kbar kienu jirriservati għal festi solenni qed tifhimni. Dana bħal ma jiġri dejjem, jekk inti jekk jkollok żarbun dejjem bi żarbun li tilbsu fil-festi jservik aktar u l-istess il-qniepen jiġifieri qanpiena li tużaha spiss kienet tinkisser spiss. Filfatt qniepen żgħar ma tantx għandna antiki, qniepen kbar iwa jsalvaw iktar għar-raġuni għax iż-żgħar jintużaw aktar ta' spiss. Tgħidli forsi meta nqasmu ma baqgħux hawn? Le, għax kienu jiġi rriċiklati, kienu jiddewwbu biex jsiru qniepen oħrajn.

DA: U kif spiċċat din minn ħafna daqq tal-qniepen għal ..?

KC: Għax illum għandna mezzi oħrajn ta' komunikazzjooni li huma aħjar. Illum tkun taf il-familjari tal-mejjet għax tisma' r-radju, anzi tara l-*Facebook* għax tisma' r-radju *obsolete* ukoll kważi jiġifieri, id-dinja tivolvi aħna nivolvu magħha u illum id-daqq tal-qanpiena

m'għadux ta' komunikazzjoni biss anzi naħseb li perċentwal qawwi ta' nies huma lliterati fejn tidħol il-kamponoloġija u l-komunikat tagħha li qas biss jafu jekk l-arloġġ hux jdoqq tajjeb jew ħażin, qas jafu jekk arloġġ jdoqq anzi jitqies *noise pollution* li *in all fairness*, iva jista' jkun noise pollition speċjlament meta ddoqq fpostijiet fejn in-nies mhumiex abitwati bid-daqq tal-qniepen, u qed jsir daqq esagerat bl-iskuża ta' uwija mhux darba f'sena illum il-festa?! Eħe, darba f'sena wieħed għandu jikkonċedi d-daqq pero' min-naħa l-oħra għandu jkun hemm xorta prudenza fid-daqq.

DA: Il-Funderija tal-Ordni ta' San Ġwann kienet l-ewwel funderija f'Malta li minnha ħarġu fundituri kapaċi. L-ewwelnett, x'irwol kellha din il-funderija fl-istorja tal-kamponoloġija Maltija, u x'tip ta' qniepen kienet tipproduċi?

KC: Il-Funderija tal-Ordni hija dik li kienet tforni lil Ordni ta' San Ġwann bix-xogħol tal-metall, kienet tissejjaħ il-Ferrerija, isem ġej mill-kelma *ferro* bit-Taljan u kienet mibnija hekk kif tidħol fil-Belt Valletta, tajjeb, faċċata tal-fdal tat-Teatru Rjal, jiġifieri dak il-bini kbir li hemm, dak il-bini sabħ li hemm dak huwa Palazzo Buttigieg Francia *also known as* Palazzo Ferreria għax mibni fis-sit tal-Funderija tal-Ordni. Issa tajjeb lli wieħed jgħid illi Ordni bħal ma kif kienet l-Ordni ta' San Ġwann kellu bżonn lil xi ħadd jaħdimlu x-xogħol tal-metall, insemmu l-kelma metall speċifikament għax il-ferrerija kienet tagħmel kull xorta ta' metall u mhux bronż biss. Jiġifieri xogħol ta' ħadid, xogħol ta' azzar, xogħol ta' bronż, xogħol ta' ramm, dan ix-xogħol kollu kien issir mill-Ferrerija tal-Ordni meta stabilliet ruħha ġo Malta pero' aħna ma nafux jekk kienx hemm funderiji oħrajn qabel il-Ferrerija, probabiltà iva hija li kienu jeżisti funderiji oħrajn biss mill-ftit qniepen li fadlilna ġo Malta li huma qniepen qabel ma ġiet l-Ordni ta' San Ġwann, fosthom din li għandi warajja, maġenbi ċoe dawn kienu kollha importazzjonijiet, qniepen li ġew minn barra il-pajjiż. Qniepen jeżistu ftit ħafna mill-perjodu Medjevali u għaldaqstant huwa ftit ħafna u mhumiex biżżejjed biex wieħed jiddettermina jekk kienx hemm funderija qabel il-Funderija tal-Ordni. Meta din stabiliet ruħha f'Malta jiġifieri mal-miġja tal-Ordni fl-elf ħames mija u tletin aħna nassumu li l-funderija tal-Ordni ma bdietx fil-Belt fl-elf ħames mija u tletin pero' stabiliet ruħha qisu kif bdiet tinbena l-Belt u nassumi ukoll li kienet waħda mill-ewwel binijet ġewwa l-Belt Valletta, qed ngħid nassumu għax jiena personalment m'għamiltx riċerka fuq dan pero' għandi x'nifhem li iva kienet instituzzjoni importantissima għall-Ordni ta' San Ġwann u minn din il-perspettiva kellha tkun jew kienet, waħda mill-binijiet li kienet tat bidu, stabilliet ruħha ġol-Belt. Fundituri kellna diversi, bħal ma l-Ordni kellha l-Granmastru renjanti li kien jibqa jirrenja sal-mewt, il-Funderija tal-Ordni kellha l-mastru funditur tagħha li kien jirrenja sal-mewt. Jiġifieri għandna fundaturi li kellhom tmenin sena kienu ddokumentati li kienu jfondu l-qniepen. L-eqdem referenza li għandna għal bronżara, allura mastri fondituri li kienu *in charge* biex ngħidu hekk tal-funderija tal-Ordni għandna lil Bastiano Vos dan aħna qed nitkellmu għal perjodu ta' Adolf de Wignacourt meta għamel l-akwadott, f'dak il-perjodu għandna lil Bastiano Vos li qniepen tiegħu għandna biss erbgħa eżistenti, waħda qiegħda hawnhekk fil-Katidral tal-Imdina u ddoqq kull kwarta, jdoqq fuqha l-arloġġ, it-tlieta l-oħra huma t-

tlett qniepen tal-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt li ironikament ukoll huma qniepen tal-arloġġ u l-ħoss tagħhom jiddomina l-Belt mill-elf sitt mija u dsatax kull ħmistax-il minuta. Huma karatteristika tal-Belt, huma parti mill-wirt intanġibbli tal-Belt Valletta jiġifieri għalkemm il-Belt hija wirt dinji tal-UNESCO, għandha dan l-aspett intanġibbli li wieħed ma jistax jmissu li eħe, dak il-ħoss huwa marbut litteralment ma' kull ħmistax-il minuta tal-ħajja, tan-nies kull min ġie jgħix fil-Belt, miet u ġew oħrajn dejjem semgħu l-istess tlett iqniepen jdoqqu kull kwarta. Wara dak imbagħad għandna lil Vincenzo Sardo. Vincenzo Sardo għandu ripertorji ikbar ta' qniepen, m'għandux ħafna, bħala funditur tal-qniepen ma kienx xi granke' pero' l-ftit li għad fadal, għandna tnejn hawnhekk il-Katidral tal-Imdina fonduti fl-elf sitt mija disgħa u erbgħin pjuttost qniepen kbar, waħda minnhom hija l-qanpiena tas-siegħa tal-arloġġ dik li ddoqq kull kwarta, u l-oħra dik li ddoqq il-Pater Noster, l-Angelus, ta' nofsinhar, l-Ave Maria u d-De Profundis ta' kuljum li hija t-tieni l-ikbar qanpiena tal-Katidral Metropolitan. Qniepen oħra ta' Sardo, għandna tnejn fil-Katidral t'Għawdex illum jappartjenu parti mill-kollezzjoni tal-Knisja Katidrali pero' tneħħew, tniżżlu mill-kampnar għar-raġunar ta' konservazzjoni u anke nuqqas ta' armonija mużikali għax dana, inti semmejtli qabel, fid-domanda preċidenti jekk inbiddilx l-irwol tal-qanpiena, l-irwol tal-qanpiena inbidel ħafna, illum qanpiena hija state-of-the-art musical instrument jiġifieri mhuwiex importanti biżżewjjed li *just* smajtha mill-bogħod, illum importanti li qanpiena tkun intonata, iddoqq sew, ir-*reverberations* tagħha huma kif titlob is-sengħa u l-arti tal-kamponoloġija, li tkun intonata hi magħha nnifisha u ma sħabha fil-kampnar.

DA: Sa mit-tard Medjuevu, Malta kellha relazzjoni kontinwa mar-renji ta' Spanja u Sqallija. Kif allura l-qanpiena l-antika tal-Katidral magħrufa bħala Petronella ġiet minn belt daqstant il'bogħod propjament f'Venezja mentri opri tal-arti tal-Katidral Medjevali kienu ġejjin minn bliet ta' portijiet ferm aktar viċin? X'nafu dwar din il-qanpiena storika?

KC: Kif għidna, jiġifieri dak perjodu kien żmien l-*importations*. Għalfejn ma jeżistux qniepen minn Sqallija ta' dal-perjodu? Ma nafx inwieġbek. Pero' kif għidna l-probabbiltà li dawn m'għadhomx jeżistu għaliex dawn kienu qniepen ċkejkna maż-żmien inqasmu, inbiddlu f'oħrajn li jaf inqassmu minjaf kemm il-darba kienet tiġri jiġifieri din hija xi ħaġa *recurring*. Per eżempju l-Kon Katidral ta' San Ġwann inbenna fl-elf ħames mija ħamra u sebgħin, jiġifieri l-ewwel ġebla tiegħu għandi nifhem li fl-ewwel għaxar snin kien mibni kollu. L-eqdem qniepen li għandna, jmorru lura kif għidna fl-elf sitt mija u dsatax, ma jistax jkun li San Ġwann għamel dan il-perjodu mingħajr qniepen, issa dawn tal-arloġġ. L-eqdem qniepen fil-kampnar elf sitt mija sitta u tletin, qed nitkellmu fiż-żmien il-Granmastru De Paule u Lascaris, ma jistax jkun li għamel ħamsin sena mingħajr qniepen jiġifieri ċ-*chances* kienu li kien hemm qniepen oħra li illum m'għadhomx jeżistu, iddewwbu u saru dawk li hemm illum, jaf saru oħrajn u reġgħu ddewwbu jiġifieri dan kien xi ħaġa qed parti mill-ħajja tal-qanpiena jiġifieri.

DA: Petronella baqgħet imdendla fil-kampnar sal-2008. Qabelxejn kemm damet isservi bħala l-akbar qanpiena fil-Katidral? Nafu per eżempju li 1958 qanpiena oħra ġdida ħaditilha dan l-irwol. Kien hemm xi qniepen li biddlu l-pożizzjoni tagħhom fil-kampnar tal-Katidral?

KC: Mela, biex niġu għal Petronella, għax inti saqsejtni domanda preċidenti u ma weġibtekx, dik tmur lura għas-sena elf tlett mija u sebgħin tfondiet mill-aħwa bronżiera Victor e Nicola, kunjomhom ma nafuhx, pero' kienet normali li dak iż-żmien anke għal diversi jkollhom dik l-iskrizzjoni Magister Nicolaus e Victor ME FECIT IN VENECIIS hekk hija l-iskrizzjoni li hemm, hija skrizzjoni gotiku b'mod dekorattiv tajjeb? Trid toqgħod attent kif taqrah biex tifhmu sew pero' dik hija qanpiena tipikament Medjevali, qanpiena li l-profil tagħha, l-forma aħna nsibuha bħala *sugar loaf* dik it-tip ta' forma u f'dik in-naħa tal-Italja ma ssibx ħafna minnhom huma qniepen pjuttost rari għall-istess raġuni, il-qniepen maż-żmien jinqassmu u jiġu rriċiklati.  X'hemm dekorattiv ruħha, hemm il-figura frontali ta' San Pawl jżomm ix-xabla l'fuq li hija ikonogafija ta' San Pawl qabel San Pawl ta' Gafa' li effettivament biddel l-ikonografija kollha ta' San Pawl. U fuq it-tlett naħat l'oħra għandek l-iljun granpanti, l-iljun marbut ma' San Mark il-protettur ta' Venezja, San Mark l-Evanġelista. Bħala jekk kinitx l-qanpiena l-kbira jew le, ma nafux għax kif għidna, il-qniepen jinbiddlu, maż-żmien jiġu rriċiklati pero' mill-qniepen l-antiki kollha hemm *gap* kbir bejn il-Petronella u *the next one* jiġifieri, bħala żmien din elf tlett mija u sebgħin, fid-daqs il-qanpiena ta' warajja li hija ta' Vincenzo Sardo li semmejt ftit ilu, dik tmur lura għas-sena elf sitt mija u erbgħa u tletin jiġifieri hawnhekk f'dal-perjodu ma' jistax jkun li mit-*thirteen seventees* sas-*sixteen thirty four* ma kienx hemm qniepen. Il-probabiltà kien hemm oħrajn li ddewwbu maż-żmien. Jiġifieri jekk imorru għal żmienna biex ngħidu mill-qniepen kollha li jeżistu fil-kampnar, xi kronoloġija kien hemm sewwa, l-ikbar qanpiena li hemm fil-preżent, fil-kampnar tal-Katidral dik li saret kif għidt sewwa inti fl-elf disgħa mija tmienja u ħamsin xogħol ta' Prospero' Barigozzi ta' Milan, li hija qanpiena ntonata, qanpiena sabiħa, qanipiena solenni ntiha l-merti kollha li tikkwalifika *bħala state-of-the-art modern musical instrument*. It-tieni l-ikbar hija dik li semmejna ta' Sardo elf sitt mija u tletin, warajja hemm tal-arloġġ, l-istess sena tajjeb imbagħad kien hemm u għad hemm elf sebgħa mija sebgħa u għoxrin ta' Antonino Smeraldo minn  Sqallija, tajjeb. Smeraldo mhuwiex fonditur komuni f'Malta, kien hawn qanpiena oħra tiegħu l-qanpiena l-kbira tas-Siġġiewi  li ddewbet għax inbiegħet għal bronż fl-elf disa' mija tmienja u erbgħin, insibu anke r-rekords tagħha u x'kien hemm fuqha, imbagħad kien hemm Petronella li kienet pjuttost waħda miż-żgħar tal- elf tlett mija u sebgħin u l-izgħar qanpiena dak iż-żmien kien hemm waħda tal-elf tmien mija disa' u għoxrin xogħol ta' Gejtanu Leotta li illum qiegħda bħala l-qanpiena l-kbira ta' Marsalforn ġewwa Għawdex u minflokha hemm waħda ta' Barigozzi għax inti meta tagħmel sett qniepen inti trid tipprova biex ngħid tixbieħa mal-ikel, jkollok starter tajjeb u deżerta tajba issa ta' bejniethom idealment jkunu tajbin ukoll pero' jekk jkollok starter tajjeb u deżerta tajba tieħu impressjoni tajba kif tidħol tiekol u titlaq kuntent bid-deżerta,  ta' bejniethom idealment  nerġa nirripeti jkunu tajbin pero'

hawnhekk ta' bejniethom huma passabbli pero' l-istorja li kien hemm kif għidna tant huma qodma, l-Imdina hija qadima ukoll qniepen ta' ċerta eta' bilfors irridu nżommuhom.

DA: Il-Katidral Metropolitan tal-Imdina kellu u għandu diversi qniepen, kif għidt sewwa inti u jidhru fil-irċivuti u l-minuti tal-Kapitlu u inventarji ġenerali. Minn żmien għal żmien kellu ukoll numru ta' impjegati msejħa campanari. X'kienu eżatt dawn?

KC: Campanari huma tfal biex ngħidu hekk, irġiel jew ġuvintur li minn żmien għal ieħor li jagħtu servizz ta' daqq ta' qniepen ġieli jkunu bi flus, ġieli jkunu voluntiera imma dak huwa l-irwol. Issa fil-mistoqsija preċidenti saqsejtni jekk ma sarx spusjament tal-qniepen. Iva sar. Il-qanpiena ta' Leotta marret Marsalforn flokha ġiet ta' Barigozzi din kienet fl-arkata li tħares lejn il-frontispizju, fil-kampnar tan-naħa tal-Imtarfa biex niftehmu. Din fl-2008 ħadet post Petronella, tajjeb jiġifieri kien xogħol li solveljajt jiena dak iż-żmien taħt Monsinjur Dun Alwiġ Deguara fejn sar dan l-spusjament fejn il-Petronella ġiet hawnhekk u ż-żgħira ta' Barigozzi marret minflokha, l-oħrajn baqgħu fejn kienu u kien propju jidhirli xi ħames snin, sitt snin ilu jekk hux naqra aktar, kemm jgħaddi ż-żmien, meta sar *refurbishment* tas-sett qniepen kollha, kien hemm iż-żgħira tal-arloġġ tal-kwarti, ix-xogħol ta' Antonino ta' Tortoreto elf erba' mija sebgħa u sebgħin magħna f'din il-kamra kienet ser taqa' u ġiet replikata minn qanpiena oħra tal-fonderija Piccard li rripplikajna ukoll l-intonazzjoni ta' din il-qampiena ta' Tortoreto fil-qanpiena l-ġdida. Il-qampiena l-kbira dawwarniha biex għamilna l-kurċifiss jidher in-naħa ċentrali tal-kampnar, kien qiegħed *off-centre*. U il-qniepen kollha qlajnilhom it-travi biddilna t-travi għax kienu *corroded* ħafna minħabba l-kampnar tal-Katidral huwa kampnar miftuħ għal ħafna elementi.

DA: L-istorja kampanoloġika tal-Katidral nistgħu nqisuha bħala l-eqdem waħda f'Malta u għal kuntrarju ta' kif konna naħsbu, fi studji riċenti jurina li l-Katidral u l-kampnar kienu f'binja waħda u mhux separati kif qalu diversi. Il-kampnar tal-Katidral pero' kellu diversi rwoli tant hu hekk li l-Universita jew il-membri tal-komun lokali kemm-il darba iddiskuta l-manutenzjoni tal-kampnar u l-qniepen. X'tgħidilna fuq dan kollu?

KC: Kif għidt qabel, il-kampnar ta' belt speċjalment fortifikata bħal ma kienet il-Belt Notabile kellu l-irwol ta' arloġġ, rwol ta' *look-out post*, kellu rwol ta' kampnar biex iservi ta' komunikat mal-mhux man-nies tal-Imdina biss imma ta' barra l-Imdina ukoll, punt ta' referiment, dan kien siġurtà, *home affairs* ta' dak iż-żmien, *communications office*, l-ministeru tal-informazzjoni li kien jżomm il-ħin, għalhekk il-bliet antiki, tmur Sienna, mur Pisa dejjem ser issib il-kampnar komunali li xogħlu kien il-punt ta' referiment dak iż-żmien akustiku pero' illum huwa aktar referiment li mill-bogħod tara dak it-torri u tgħid iva hemmhekk hemm belt antika.

DA: Wieħed mill-aktar funditur prolifiku Malti kien Ġulju Cauchi tant illi fonda madwar 270 qanpiena. Min kien Cauchi u kemm kien ta' suċċess fil-karriera kamponoloġika tiegħu? Kellu taħriġ fl-intonazzjoni?

KC: Ftit ilu semmejt il-funderija tal-Ordni jiena illi l-funderija tal-Ordni kienet tkun kkummisjonata xogħol tal-qniepen fi żmien il-paċi jiġifieri żmien il-paċi kienu jsiru l-qniepen, żmien it-theddid tal-gwerra jsiru l-kanuni mill-istess nies. Dawn kienu nies imħarġin barra minn Malta ħafna drabi jiġifieri, jekk insemmu Ġwakkin Triganza u Francesco Triganza li kienu aħwa dawn tħarġu Turin speċifikment Francesco għandna dokumentat li mar Turin u bħala test tal-abbilta tiegħu kellu jfondi kanun u jibgħatu Malta biex jiġi spezzjonat ħa taraw jekk hux *up to sketch*. Dan il-kanun għadu jeżisti u qiegħed fl-armerija tal- Palazz tal-Granmastru. Kellna lil Aloisio Bouchut fi żmien Pinto, kien intbagħat Barcelona biex jitħarreġ is-sengħa ta' bronżar jiġifieri dawn kienu kollha nies wieħed għall-ieħor dejjem jirtu s-sengħa jmut wieħed jilħaq ieħor li min id għal oħra kienet tgħaddi s-sengħa. Ġara li fl-elf sebgħa mija tmienja u disgħin ġew il-Franċiżi Malta u nqala' *turmoil* sħiħ għax tkeċċiet l-Ordni, l-Ordni kellha l-funderija tagħha u l-funditur tagħha, naturalment kif spiċċat l-Ordni, spiċċat il-funderija magħha. U għaldaqstant Triganz kien l-uniku, jew l-aħħar fonditur ħa ngħidu hekk li fi żmienu ra l-bibien jingħalqu. Jiġifieri dan jaf kif jfondi l-qniepen pero' m'għandux fejn jfondi l-qniepen. U beda perjodu qasir, qasir ħafna ta' tfondija ta' qniepen itineranti ngħidulha jiġifieri inti tfondi il-qniepen billi timxi minn post għal ieħor. Jekk Birkirkara għandha bżonn il-qniepen, Triganz mar jgħix ġo Birkirkara u fonda l-qniepen ġewwa Birkirkara. Jekk ried jagħmel qniepen Ħaż-Żabbar mexa u fonda l-qniepen Ħaż-Żabbar biex jevita t-traġġit ta' qniepen tqal dak iż-żmien naturalment bil-bhula, toroq minjaf kif kienu jiġifieri din tal-*itinerary bell founding* isibha f'diversi pajjiżi fl-Ewropa jiġifieri, fosthom f'Malta ukoll. Issa li ġara, il-kelma ġriet li Malta għalqet il-Fonderija tal-Ordni. Triganz miet fil-pesta tal-*eighteen thirteen* tajjeb ma kienx hawn minn jfondi l-qniepen ġewwa Malta u minn Sqallija naturalment dejjem kellna l-widna tisma' x'qed jiġri f'Malta u ġie l-fonditur Ferdinando Leotta li antenant tiegħu mill-familja tiegħu għamel il-qanpiena ż-żgħira tal-Katidral li marret Marsalforn u dan għamel qanpiena ġo Acireale min fejn kien u bagħtha għand it-Tereżenjani Bormla bħala *sample, il-business card* tiegħu tx-xogħol tiegħu. U minn hemm beda x-xogħol tat-tfundija tal-qniepen ma' Maltin oħra li bdew jgħinuh fosthom dan ċertu Antonino Tanti u Salvatore Cauchi tajjeb? Missier Ġulju Cauchi u dawn tħarġu ma' dan l-Isqalli pero' mill-*eighteen twenty nin*e l'hemm ma narax aktar referenzi għal Salvu Cauchi, *sorry* għal Leotta, għall-familja Leotta u Salvu Cauchi nibdew naraw ix-xogħol tiegħu jinbet f'ċerti knejjes. Kienu qniepen relativament ċkejkna mhux qniepen kbar, u mhumiex ta' kwalità partikulari. Ibnu Ġulju, Salvu Cauchi kellu tlett itfal, kellu lil Ġwakkin, għaliex imsemmi Ġwakkin għal xi ħaġa, jista' jkun b'rispett għal Ġwakkin Triganz għax dak iż-żmien kienet issir din, il-fustani kien jismu Ġulju twieled fl-elf tmien mija disa' u għoxrin u ż-żgħir kien Kostanz. Minn dawn it-tlett aħwa, Ġulju kien l-aktar prolifiku l-oħrajn dejjem għexu fid-dell tiegħu filfatt, naħsbu li Salvu Cauchi miet qrib madwar elf tmien mija wieħed u sebgħin għax ma jibqax jissemma fuq qniepen u minn Salvatore Cauchi e Figli nibdew naraw Guliano Cauchi e Fratelli, għal xi żmien għax f'daqqa waħda jsir Guliano Cauchi biss, jiġifieri jew iġġieled ma' ħutu jew ħutu ma riedux jaħdmu jew ma baqax jiktibhom imma dawk huma t-tlett fażijiet li lil Ġulju tawh l-*impetus* biex ngħidu hekk, jibda jaħdem b'mod prolifiku. L-

ewwelnett irridu  perjodu fejn Malta reġgħet stabillizata bħala Kolonja Inġliża kien hawn aktar flus fl-idejn kien hawn aktar inġinerija bit-tarzna eċċetera eċċetera u Ġulju kien *abutting bell founder* f'dan l-aspett. Issa, minn din il-perspettiva, f'dan l-aspett, Ġulju Cauchi mar aktar, mar oltre minn missieru beda jfondi l-qniepen kbar, l-ewwel qanpiena kbira li għamel kienet għal knisja artiċpretali tal-Furjana, San Publiju Furjana fl-elf tmien mija u seba' u sebgħin. Wara dal-perjodu imbagħad is-sena ta' wara ġie kkummisjonat oħra elf tmien mija tmienja u sebgħin l-istess għall-knisja tal-Furjana imma kien għadu qed jesperimenta fuq disinn u l-qanpiena ħarġitlu bl-istess ħoss ta' dik tas-sena preċidenti li fil-kamponoloġija hija *useless* li jkollok żewġ qniepen fl-istess ħoss. Qisek qed tgħid żewġ platti spagetti. L-ewwel platt huwa spagetti, it-tieni platt spagetti bl-istess zalza u l-istess kollox, mingħalik li, jiġifieri minn dan l-ambtu imma. Pero' min jkun bil-ġuħ u jara platt ieħor spagetti li xi ħadd ma jridux, marru jiġru, marru jiġru San Ġorġ Ħal Qormi u xtraw il-qanpiena li ma ħariġtx tajba għall-Furjana u ħaduha *tal equale*, għandna ukoll kuntratti tan-nutara fejn il-funderija, il-funderija ta' Ġulju Cauchi, il-prokuratur tal-Furjana u l-prokuratur ta' San Ġorġ Ħal Qomi wieħed qed jċedi kull dritt li għandu fuq il-qanpiena u l-ieħor jaċċetaha bl-ismijiet kollha li jappartjenu lil knisja tal-Furjana. Fl-*eighteen seventy nine*, Ġulju Cauchi jagħmel qanpiena oħra għal Furjana, *replacement* għal dik tal-*eighteen seventy eight*. U minn hemmhekk ma waqafx għax imbagħad fl-elf tmien mija u tmenin, għandek il-qanpiena l-kbira San Duminku l-Birgu, *eighteen eighty one* t-tieni qanpiena tal-Isla, ikbar minnha, *eighteen eighty two* l-qanpiena l-kbira ta' San Lawrenz il-Birgu, akbar minnha dejjem inkabbru, inkabbru, inkabbru l-kompetizzjoni li kien hemm ġol-Kottonera tajjeb, qed nitkellmu *eighteen eighty two*, għandek *eighteen eight five* il-qanpiena l-kbira taż-Żejtun, għandek *eighteen eight seven* iż-żewġ qniepen kbar tas-Sacro Cuor ta' Tas-Sliema, *eighteen eighty nine*, għandek xi qanpiena oħra s-Sacro Cuor tajjeb, *eighteen ninely one*, il-qanpiena l-kbira ta' Ħaż-Żabbar, *eighteen ninety two* tax-Xagħra Għawdex, *eighteen ninety three* ix-Xewkija Għawdex, *eighteen ninety five* l-qanpiena tal-Għarb Għawdex u l-qanpiena l-kbira ta' Bormla għax Bormla ħallewha għal aħħar apposta biex jekk jista jkun ma jgħaddihom ħadd, billi Ġulju kien minn Bormla, *they kept it always for the last*. Imbagħad għandna l-famuża qanpiena ta' Birkirkara fl-elf disa' mija u wieħed. Din qed nitkellmu għall-akbar qanpiena li qatt għamel Ġulju pero' dik irridu narawha fl-aspett illi fl-elf tmien mija wieħed u disgħin fl-*eighteen ninety-one* meta Ġulju kien għadu fil-*hayday* tiegħu, għadu qiegħed jfondi dawn il-qniepen kbar, Birkirkara ukoll riedu jagħmlu qanpiena kbira imma ma kienx kunfidenti daqshekk li jagħmel qanpiena ta' dak il-kobor u nqala bronżar fit-Tarzna ċertu wieħed Ġuże Grech li daħal għal din il-qanpiena enormi biex jagħti risposta, dan qatt ma għamel qniepen u minflok daħal għal waħda ta' għaxar tunnellati u din kienet fjask. U kienet ukoll is-suġġett ta' ħafna taqbiliet, u redikolazzjoni bejn knisja u oħra biex jagħru lil Karkariżi biha din il-qanpiena, kienet *flop* mill-bidu, itellgħet kienet tal-mistħija, *anyway*. Inqasmet wara ftit, il-Gvern Inġliż talab li tinżel għax kienet ta' periklu għal pubbliku, tqiegħed fuq iz-zuntier fejn kulħadd kien jispiċċa jagħmel pipi warajha, dik kienet is-sitwazzjoni. Daru għal Cauchi u qalulu inti lest, biex toħroġna ta' nies u ... imbagħad orrajt, imbagħad ried jagħti risposta, anzi mhux

biex jagħti risposta talli l-qanpiena ta' Grech faqaha fuq iz-zuntier biex jaraha kulħadd għajnejn kulħadd, ridikozzjoni ta' xogħol il-kompettitur tiegħek li għażżarda jidħollok fl-għalqa. Naturalment il-fatt li qasamha hemmhekk ma kinitx hekk biss, jġorru l-piż ta' dak il-bronż kollu f'salt. Dewwibha u għamel qanpiena ġdida ala Ġulju pero' dik kienet il-problema għax meta inti għandek għaxar tunnellati ta' bronz dubjuż u terġa tfondi lilu ċ-*changes* ta' metalluġija ħażina, tajjeb, tissiġġila l-futur tal-qanpiena li nqasmet fl-elf disa mija u erbatax. Baqgħet għal ħafna żmien maqsuma fil-kampnar kienet ukoll suġġett ta' ħafna taqbiliet sal-elf disa' mija wieħed u tletin sakemm saret il-qanpiena l-kbira tal-lum minn Prospero Barigozzi li għamel ukoll il-qanpiena l-kbir tal-Katidral tal-Imdina pero' meta ssemmi lil Prospero Barigozzi qed issemmi l-Caravaggio fil-qniepen. Fonditur Milaniż, fonditur li għandna nkunu kburin li għandna diversi settijiet ta' qniepen tajbin, minn idejh fosthom l-akbar qanpiena li qatt ħadem fil-karriera tiegħu li propjament qiegħda f'pajjiżna f'Birkirkara.

DA: Kellu taħriġ f'intonazzjoni jiġifieri Ġulju Cauchi?

KC: Aħna naħsbu li xi ħaġa kien jaf għax ġeneralment il-qniepen tiegħu meta jkunu f'kampnar flimkien jkollhom armoija aċċettabli, per eżempju li hu żgur li ma kellhomx taħriġ fuq intonazzjoni, huma l-fondituri tal-Ordni għax kull meta qablu bejn ix-xogħolhom stess ma' xogħol ħaddieħor, il-qanpiena waħidha tkun intonata sew imma meta mqabbla mal-oħrajn kien jkollok *anything but harmony*.

DA: Ninnutaw li fil-bidu l-qniepen il-kbar kienu ġeneralment ikunu fl-arkata tal-faċċata bħal tal-Katidral, u l-knejjes parrokkjali tan-Naxxar, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żejtun u l-Mosta. Dawn il-knejjes qatt ma kabbru l-qniepen għalhekk baqgħu ingastrati mal-arkati tal-faċċata. Aktar tard naraw qniepen fl-imrammi tal-kampnari bħal Bormla, il-Birgu u Birkirkara. Apparti l-każ uniku tal-Kon-Katidral, dawn il-qniepen ta' ċertu daqs ġew introdotti fl-aħħar seklu 19 u l-bidu tas-Seklu 20. X'inhi id-differenza bejn il-qanpiena li tkun f'nofs tal-kampnar minn dik li tkun fuq barra tal-kampnar?

KC: Mela, meta int, ħa ngħidu hekk it-tradizzjoni li ddendel il-qanpiena fl-arkata, li hija purament estetika tajjeb, issibha f'diversi knejjes Ewropej jiġifieri, Taljani speċjalment u nista' ngħidu li t-tradizzjoni li l-qanpiena taraha, hija tradizzjoni Taljana u Spanjola li ġiet introdotta f'Malta minn dawn il-pajjiżi. Franza, Ġermanja, l-Ingilterra, dawn kollha moħbijin taħt il-persjani u anqas tarahom. Li fiha l-vantaġġi tagħha ta' ukoll pero' estetikament inti l-qanpiena ma tarahiex. Ġeneralment meta ndendlu l-qniepen, mhux Malta biss, kullimkien imma ejja nitkellmu fuq Malta, fuq Malta qed nitkellmu, l-akbar qanpiena tagħmilha fl-iktar arkata illi tidher, mhux neċessarjament il-faċċata, ġeneralment fil-faċċata għax dik hija l-aktar arkata prestiġjuża pero' għandna każ partikolari ġol-Imdina fejn l-akbar qanpiena tal-Karmnu, tal-knisja tal-Karmnu mhix qiegħda fil-faċċata imma fil-ġenb fit-triq prinċipali tal-Imdina biex inti tara l-qanpiena l-kbira, dejjem, l-aspettativa estetika tagħha hija importanti. Naturalment, il-qanpiena ġeneralment inti tagħmilha għad-daqs tal-arkata, il-kbira. Qniepen iżgħar ma ċċekkinx l-

arkata, allura meta jkunu żgħar jiġu jidhru fi spazju kbir, meta jkunu kbar jidhru tajbin għall-arkata l-problema kienet tinħoloq meta jkunu ikbar mill-arkata. Ikbar mill-arkata iddaħluhom fiċ-ċentru tal-kampnar, fin-nofs tajjeb? Normalment jqattu' l-ġebel jew jaqilgħu l-ġebel u jinnumerawh, jdaħħlu l-qanpiena jerġgħu jibnu l-ġebel kif kienet u inti l-arkata ma tiġix tidher. Inkella meta jkun hemm jinsisti, din ħa nqiegħda fin-nofs biex ma tidher minn imkien, din importanti, nixtieq nara l-qanpiena kbira tiegħi u kien jsir kompromess u jċartulha fil-ġenb. Din hija xi ħaġa iktar milli tappartjeni lil Malta, iktar taraha Għawdex. Għawdex taraha din il-ħaġa. Hija parti mit-tradizzjoni Għawdxija jiġifieri, jiena personalment naċċettaha pero' ma toġgħobnix għax id-daqs tal-arkata għandu jiġi rrispettat bħala arkittettura.

DA: Waħda mill-akbar funderiji mondjali hija dik ta' John Taylor li twaqqfet fl-1839, rinomata għall-kwalità tal-intonazzjoni. Din il-kumpanija Ingliża, ġiet ikkumissjonata għal diversi qniepen għal knejjes Maltin. Kien perjodu ukoll li bdejna naraw settijiet sħaħ jiġu kkummisjonati u jinxtraw għall-kampnari Maltin. X'inhi t-teknika mużikali illi tikkaratteristika dawn l-qniepen? Hemm xi differenzi bejn id-daqq tal-qniepen f'Malta u f'Għawdex?

KC: Mela, li jikkommissjonaw settijiet sħaħ ta' qniepen kienet xi ħaġa stramba għal Malta. Aħna dejjem imxejna illi għandek erba' qniepen ta' bronżiera differenti, inqassmitlek waħda, dewwibtha u għamiltha ġdida. Ibbazżata fuq bażi ta' daqs u piż jiġifieri l-funditur kien jitħallas tant kull qantar immanifatturat, qantar huwa tmenin kilo tajjeb, jiġifieri jekk ħa mmorru għal qanpiena ta' għaxar qnatar, tajjeb, qiegħda tant kull qantar. Dak il-prezz kien jiġi stabilit u l-intonazzjoni kif toħroġ bid-dijametru. Issa l-kunċett ta' sett qniepen l-ewwel darba li jidher huwa fil-Knisja tal-Gudja fis-sena elf tmien mija u sittin u hija funderija Inġliża ta' John Warner ta' Cripplegate hija waħda mill-ftit funderiji li fis-seklu dsatax kienet baqgħet topera fl-Ingilterra, kellek erbgħa maġġuri il-John Warner ta' Cripplegate, Gillett and Johnston ta' Croidon, għandek lil Charles and George Mears ta' Whitechapel Road ta' London u John Taylor ta' Loughborough, ibqija barra minn Londra, dawn l-erba' funderiji Inġliżi maġġuri għax oħrajn kien hemm, xi oħrajn żgħar pero', dana sar kampnar Inġliż biex ngħidu hekk ta' disinn Inġliż fil-Gudja u dak iż-żmien konna taħt l-Inġliżi, il-*links* ma' arkittetti Inġliżi u funderiji Inġlizi kienu għamluha iktar faċli u sar sett Inġliż. Dak kien l-ewwel wieħed u kien kontemporanju ma' Ġulju Cauchi jiġifieri ma nimmaginax li ħa pjaċir biha din. Pero' hekk sar u dak huwa l-eqdem sett li għandna pero' l-kunċett ta' settijiet ma' setax jaqbad art. Fl-elf disa' mija u erbgħa, propju fl-erbgħa u għoxrin ta' Aprill elf disa' mija u erba', Ġulju Cauchi jmut b'attakk tal-qalb, m'għallem lil ħadd, ma kienx qed jistennewh li ser jmut hekk, midfun iċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Cauchi ħalla lil kulħadd orfni, ħadd ma kien jaf x'ser jagħmel, kif ser jkomplu, kien għad hemm id-domanda qawwija għal qniepen u kien hemm diversi bronżara li kienu jagħmlu xogħol ta' ħadid li qalu issa l-mument li nieħdu *over* dan ix-xogħol pero', dawk kienu jagħmlu tappieri il-qniepen li kienu jagħmlu, ħoss ta' tappieri kienu u tista tużahom effettivament biex tiżra' l-qsari fihom. U hawnhekk, f'dan il-perjodu nibdew naraw

interess biex jiġu importati *once again* qniepen minn barra. U qniepen minn barra bdew jkunu aktar *state-of-the-art*, għandna lil Prosepero' Barigozzi, Daciano Colbachini ta' Padova, għanda Premiata Fonderia Magna ta' Lucca dawn kienu kollha funderiji *state-of-the-art* li kienu kapaċi jagħmlu qniepen melodjużi u ntonati sew. Irridu ngħidu ukoll li s-seklu għoxrin ġab miegħu bini ta' knejjes ġodda. Allura bini ta' knejjes ġodda ma jridx jkollhom qniepen antiki xi jdewbu u bilfors kellhom jmorru għal kunċett ta' settijiet. U effettivament l-introduzzjoni ta' settijiet tal-qniepen f'Malta tajjeb, ġie minħabba l-mewt ta' Ġulju Cauchi u minħabba l-gwerer, iż-Żewġ Gwerer Mondjali filfatt. Fi żmien l-Ewwel Gwerra kif spiċċat l-Ewwel Gwerra, Barigozzi far bl-ordnijiet, litteralment, għandek il-Qala, Għawdex elf disa' mija tnejn u għoxrin, San Ġorġ Għawdex elf disa' ħamsa u għoxrin, għandek il-Mellieħa elf disa' mija ħamsa u għoxrin, Ħal Luqa elf disa' mija tmienja u għoxrin, għandek elf disa' mija u tletin il-qniepen tal-Għasri, elf disa' mija wieħed u tletin l-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara, tnejn u tletin ta' Sannat, dawn huma kollha settijiet sħaħ ta' Barigozzi. Imbagħad faqqgħet il-Ġwerra elf disa' mija disgħa u tletin, u kollox waqaf! L-aħħar qniepen li ġew qabel il-Gwerra kienet tal-Funderija ta' Bianchi ta' Varese, għal Stella Maris ta' Tas-Sliema, dak kien l-aħħar sett u niżel ix-*shutter*, saret il-Gwerra waqgħu ħafna binijiet, waqgħu ħafna knejjes u propja wara l-Gwerra, reġgħa beda ġej l-interess fil-qniepen. Propju l-interess ġie eżatt wara l-Gwerra kif ġara qabel Barigozzi. Pero' din id-darba Barigozzi ma kienx *lucky* għax kien Taljan u ħadd ma ried jaħdem qniepen l-Italja u min rebaħ? Funderija Ingliża! Li wara l-Gwerra, l-Ingliżi kienu qiegħdin fit-top, anke aħna il-Maltin konna narawhom bħala heroes iġifieri, u bir-raġun jiġifieri. U daħlet il-Funderija John Taylor bis-sett qniepen ta' Ħal Lija li dan effettivament sar ir-reklam *ta' state-of-the-art bells* kif għandhom jkunu, u infaqgħu bl-ordnijiet kif ġara b'Barigozzi. Hawnhekk għandek sett qniepen ta' Ħal Lija, sett qniepen l-Ursolini l-Imsida, is-sett qniepen ta' San Duminku l-Belt *nineteen forty eight*, tas-Siggiewi *nineteen forty eight* ukoll, San Girgor Tas-Sliema erbatax-il qanpiena, *nineteen forty eight*, ta' Kerċem Għawdex tan-*nineteen forty eight*, litteralment jiġifieri l-għatx li kien hawn hu għal qniepen ta' din ix-xorta, li kollox f'sena waħda ta, qas Barigozzi, Barigozzi kienu jkunu spedjati imma kif daħal Taylor intunati minn ġewwa, imqaxxrin minn ġewwa allura l-*harmonics* tal-qniepen kienu effettwalment, dik li jagħmluhom mużikalment perfetti dawn kienu l-aħjar reklam li nistgħu ngħidu eċċedew kważi anke x-xogħol ta' Cauchi fil-kwantità. Biss biss, bejn elf disa' mija tmienja u disgħin anzi, tnejn u disgħin sal-elfejn u erbatax f'Malta ġew qrib it-tmenin qanpiena ġodda għal John Taylor fosthom l-akbar qanpiena ta' Malta li hija l-qanpiena tal-Assedju l-Kbir fil-Belt Valletta.

DA: Inti kont involut f'diversi proġetti ta' installazzjoni u restawr tal-qniepen. Waħda mill-akbar proġetti ta' restawr li kellek kienet filfatt il-qanpiena medjevali tal-Katidral, illi sar fl-2008. Kif kien il-proċess tar-restawr tal-Petronella? X'differenza kien hemm bejn dan il-proġett u proġetti ta' restawr oħrajn?

KC: Ir-restawr tal-Petronella kien purament wieħed astetiku jiġifieri mhuwiex normali li jkollna proġetti ta' restawr fejn qanpiena funzjonabbli, qiegħda taħdem innizżlulha,

*redundancy* jiġifieri u tidħol f'mużew. Normalment tirranġaw biex jibqgħu jaħdmu s-servizz tagħhom. Il-Petronella kienet qanpiena kont ilni nimilita li għandha tinżel biex jgawdiha, hija teżor inestinabbli fil-kamponoloġija tagħna, hija l-eqdem qanpiena li għadna, kburi li qiegħed maġenbha qiegħda tisma' l-istorja tal-kamponoloġija ta' pajjiżha. Pero' ħsarat ma kelliex kienet mimlija sadid u żebgħa bażikament u għamilna proġett fejn naddafniha, kxifnilha l-parti nobli tagħha biex ġibniha kulur wieħed u daħħalniha hawnhekk fil-mużew biex tiggawda mill-viżitatur tal-Mużew tal-Katidral. Tal-arloġġ għadħa mhix restawrata filfatt, mid-dehra tagħha tixbah lil dik li kienet Petronella qabel l-elfejn u tmienja pero' Petronella kienet aktar gravi, aktar maħmuġa din hija passabbli għax kienet fil-għoli u ma tant kienet titmess pero' dik salvajniha litteralment kien hemm mument fejn kważi tlifniha għax tqaċċtet mill-kuruna u ndunaw li tqaċċtet għax l-arloġġ ma baqax jdoqq għax il-mazza bdiet tagħti fix-xejn u niftakar tellgħu jaraw għalfejn mhux iddoqq, il-qanpiena mdendla litteralment se taqa' u minn hemmhekk konna morna għal-proġett ta' qanpiena ġdida għand funderija rinomata Franċiza, Fonderie Paccard ta' Annecy qanpiena li bierek l-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof Charles Jude Scicluna.

DA: Dak kollox għal-lum grazzi ħafna ta' din l-intervista kienet verament interessanti, fuq suġġett li mhux nisimgħu fuqu ta' kuljum għalkemm il-qanpiena nisimgħuha ta' kuljum jiġifieri grazzi ħafna ta' din il-intervista.

KC: Nirringrazzjakom ta' din l-inizjattiva li hija imprezzabbli għar-riċerka tal-futur. Grazzi